MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Avviz Numru. 374/2008

**Kevin Charles Micallef u Joanne Mifsud**

**Vs**

**Paul Cachia u Go plc**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz ipprezentat fl-10 ta' Novembru tas-sena 2008 fejn ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex l-intimati thallas lil kull wiehed minnhom dik is-somma li tigi hekk stabbilita minn din il-Qorti li ma teccedix hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro (€11,646) u dan wara li artikolu ppublikat u mxandar fil-gurnal elettroniku www.di-ve.com intitolat "Man fined for breeding a cat" li deher fis-26 ta' Marzu, 2008, il-konvenuti ghamlu imputazzjonijiet u addebiti fil-konfront tal-atturi li huma ghal kollox libelluzi u dawn peress li huma malafamanti u ntizi li jtellfu jew inaqqsu

mir-reputazzjoni tal-istess atturi u dan ai termini ta' dak li jipprovdi l-Ligi tal-Istampa jigifieri Kap. 248, kopja ta' liema artikolu qed jigi anness u pprezentat bhala Dok A;

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mill-prezenti sal-pagament effettiv u bil-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni u b'riserva cara lill-istess atturi ghandhom kontra l-konvenuti taht il-ligijiet ordinarji;

Il-Qorti rat l-eccezzjoninjiet ta' Go plc fejn qalet illi l-ewwel u qabel kollox il-provvediment tal-Att 248 ma japplikawx ghal sit elettroniku bl-isem www.di-ve.com;

Eccepiet ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandha tigi michuda bl-ispejjes kollha kontra l-attur ghaliex l-artiklu mertu ta' din il-kawza huwa perfettament permessibbli fl-ordinament guridiku nostrili stante li jikkonsisti f'kumment gust ibbazat fuq fatti veri;

Rat l-eccezzjonijiet ta' Paul Cachia illi eccepixxa l-ewwel u qabel kollox illi legittimu kontradittur stante li ma jokkupax il-kariga ta' direttur tas-sit elettroniku www.di-ve.com;

Eccepixxa wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost illi l-Kap 248 ma japplikax ghas-sit elettroniku www.di-ve.com;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan bhala tali ghandha tigi michuda bl-ispjjes kontra l-attur ghaliex l-artikolu mertu ta' din il-kawza huwa perfettament permessibbli fl-ordinament guridiku nostrili stante li jikkonsisti f'kumment gust ibbazat fuq fatti veri;

**PROVI**

Rat ix-xhieda li ta Paul Cachia in subizzjoni fil-21 ta' Mejju 2009 fejn stqarr illi hu gurnalist tad-di-ve.com u mistoqsi min hu l-editur u qal illi kien hemm diversi edituri u li dak iz-zmien fis-sena 2009 l-editrici kienet Vanessa Mcdonald.

Fit-2008, ossia f'Marzu 2008 Paul Cachia qal li ma kienx f'posizzjoni li jghid min kien l-editur dak iz-zmien ghax kien hemm tibdil ta' diversi persuni jiehdu hsieb is-sit.

Madanakollu huwa kkonferma li huwa qatt ma kien id-direttur tas-sit elettroniku di-ve.com u lanqas l-editur u l-funzjoni tieghu kienet biss ta' gurnalist. Dwar l-istorja tal-kawza odjerna hu ma kellu x'jaqsam xejn peress illi kien reporter tad-di-ve.com li ha hsiebha u mhux hu.

Rat ix-xhieda ta' Gaetano Degabriele moghtija fil-5 ta' Mejju 2010 fejn huwa stqarr illi fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal ta' informazzjoni fid-dipartiment tal-informazzjoni peress li l-ligi tal-istampa ma tghid xejn dwar siti elettronici allura d-dipartiment ma jzomm ebda records dwar min huwa editur ta' sit elettroniku. Dan huwa dovut ukoll ghall-fatt li l-Ligi tal-istampa titlob li jigi registrat editur ta' gazzetti u pubblikazzjonijiet regolari pero ma tghid xejn fuq siti elettronici.

Rat l-affidavit ta' Joanne Mifsud Micallef ipprezentat fid-9 ta' Marzu 2011 fejn hija stqarret li qabel ma zzewget lir-rikorrent Kevin Micallef hija kienet xtrat qattusa Persjana minghand certa Nadine Cachia u ffirmat kuntratt li din il-qattusa ma tistax tigi mghammra biex ikollha l-frieh. Fl-istess kuntratt Nadine Cachia kienet ukoll obbligat li taghtini zewg certifikati tal-istess qattusa, madanakollu dawn ic-certifikati qatt ma waslu.

Din il-qattusa eventwalment Joanne Mifsud Micallef ghaddietha lill-gharus taghha ta' dak iz-zmien, eventwlament ir-ragel u r-rikorrent tal-kawza odjerna, Kevin Micallef imbaghad Nadine Cachia fethet kawza kontrijja u kontra Kevin Micallef stante li allegat li l-qattusa in kwistjoni kellha l-frieh, haga li ahna konna qeghdin nikkontestaw. Madanakollu, t-Tribunal iddecieda li jiena kont ksirt l-obbligazzjoni tal-kuntratt fir-rigward tat-taghmir tal-qattusa.

Wara madwar sentejn li l-kawza giet deciza, Nadine Cachia infurmat lill-Media dwar din il-kawza pero m'ghadditilhomx l-informazzjoni korretta, infatti Mifsud

Micallef tikkontendi li s-sentenza kkundannat lilha biex thallas lil Nadine Cachia s-somma ta' tlett mitt lira Maltin (LM300) mentri esonerat lil Kevin Micallef minn kull responsabbilita. Madankollu l-media rrapurtaw li kien ir-ragel tieghi Kevin Charles Micallef li kien ikkundannat ihallas din is-somma.

Din l-informazzjoni instemghet u kienet fil-gurnali kif ukoll fit-televisions. L-ewwel li semghatha, tistqarr Mifsud Micallef, hija x'hin qamet filghodu u fethet it-television u fuq stazzjon lokali rat persuna taghmel resume' tal-gurnali u bdiet tirrakkonta dwar dan il-kaz. Mifsud Micallef qalet li hi ghandha xoghol t'ghalliema u kienet urtata hafna u mwegga' minhabba li wara li din l-istorja harget fil-media persuna li tahdem maghha giet tistaqsiha dwar il-kaz ghax qalet li ma fehmitx ezattament dwar dak li ntqal fil-gazzetti. Mifsud Micallef stqarret li ma kientx taf kif ser tirrispondiha ghaliex kienet ghadha taht xokk u kienet imbarazzata hafna.

Hi stqarret li minhabba l-gideb ta' persuna sar attentat biex jithammeg ir-ragel taghha kif ukoll hi stess. Madanakollu tikkonferma li kieku l-fatti kienu kif suppost hi ma kienet tghid xejn izda peress li l-fatti kibru u kabbruhom allura kellha tiehu l-passi odjerni.

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2011 xehed Charles Kevin Micallef fejn qal illi wara li hareg l-artiklu fuq is-sit elettroniku di-ve.com beda jircievi telefonati minn kulhadd biex jistaqsih x'gara. Huwa stqarr illi f'dan l-artiklu kien qed jintqal li hu qed jigi akkuzat fuq frodi u kien ukoll indikat li hu kien il-President tal-Malta Feline Guardian's Club. Huwa stqarr li huwa jipprezenta programm fuq it-television u dak iz-zmien kellu programm ghaddej fuq il-PBS u fuq l-Education Channel u bhala hobby huwa jghammar il-qtates u jorganizza shows kemm lokalment u kif ukoll barra minn Malta.

Huwa stqarr illi fl-artiklu kien hemm imnizzel li kont wehilt sitt mitt ewro multa ghax iffordajt jew ghamilt xi haga partikolari. Madanakollu huwa stqarr li qatt ma nstab hati ta' xejn. Huwa stqarr li bhala xoghol huwa sales and

beverage controller gewwa Lukanda u bhala konsegwenza tal-artiklu tax-xoghol talbuh spejgazzjoni ta' x'kien qed jigri apparti li rcieva hafna telefonati li dwarhom ma setghax jaghti ebda spjegazzjoni. Infatti dakinhar li beda jircievi t-telefonati, mar id-dar, fetah il-computer, ra l-artiklu u sab min kien l-editur tal-artiklu li rrizultalu li kien Paul Cachia u li kien identifikat bir-ritratt tieghu u rrizulta li kien dan li kiteb l-artiklu.

Huwa cempel mill-ewwel lill-kumpanija Dive, staqsa ghal Cachia, li kellmu fuq it-telefon, tajtu spjegazzjoni ta' x'gara u x'ma garax, infurmah li dak li kien allega fil-konfront tieghu kien zbaljat u qallu li kien ser jinvestiga peress illi xi hadd iehor li kien irrappurtaha u mhux hu. Dakinhar kien qallu wkoll, Micallef lil Cachia li kien urtat b'dak li kien ippublikat u talbu sabiex iwaqqaf l-artiklu minnufih. Kellem lill avukat tieghu u erbat ijiem wara l-avukat tieghu cempel lil Cachia u nfurmah li ser jiehdu passi kontrihom.

Xi hames sighat wara t-telefonata s-sur Micallef rega' vverifika fis-sit biex jara jekk l-artiklu kienx ghadu hemm u sab illi attwalment l-artiklu kien tnehha. Bhala danni Micallef jistqarr illi wara dan il-programm il-gimgha ta' wara li hareg dan l-artiklu, kellu programm li kellu tlett sponsors u minkejja li kkommettew ruhhom sal-ahhar ta' Gunju tat-2011 iddecidew li jwaqqfu l-isponsorships taghhom gimgha wara li l-artiklu deher.

Mistoqsi dwar l-isponsorships li ntiflu, huwa stqarr illi ebda mill-isponsors ma riedu jaghtu spejgazzjoni ghaliex waqfu l-sponsorships. Madanakollu wiehed mit-tlett kumpaniji issa mghadiex topera. Huwa madanakollu zied jghid illi kemm ilu involut fit-trasmissjonijiet huwa qatt ma kellu istanza fejn sponsor waqqaf is-support tieghu u allura jikkonkludi li dan gara minhabba fl-artiklu li deher fis-sit elettroniku.

L-istess Micallef ikkonferma illi permezz ta' sentenza kienet il-mara tieghu Joanne Mifsud illi attwalment giet ikkundannata thallas tlett mitt Lira Maltin (LM300) ghaliex hi ma zammitx mal-kuntratt li kienet obbligat ruhha li taghmel.

Fis-16 ta’ Jannar 2012 xehed Paul Cachia fejn stqarr illi huwa la qatt kien involut fil-kumpanija Go u lanqas fit-tmexxija tal-website di-ve.com. Huwa stqarr illi fis-26 ta’ Marzu 2008 kien gurnalist jahdem mad-Dive izda la kien direttur tal-Go u lanqas tad-dive u lanqas ma kien editur. Stqarr ukoll li lanqas ma kien il-gurnalist li rrapporta dak l-artiklu. Huwa stqarr madanakollu illi dakinhar kien qieghed fin-news room tad-Dive. Cempel is-sur Kevin Micallef jilmenta dwar l-artiklu li kien ghadu kif deher fil-website u minkejja li bhala hin ma jiftakarx ezatt x’hin kien, dan kien ghal habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar tas-26 ta’ Marzu 2008.

Huwa cempel fin-news room u jien kont l-unika persuna dak il-hin fin-news room. Jiena malli dahal l-ilment, mill-ewwel nehha l-artiklu minn fuq il-website u nehhih b’mod permanenti fis-sens illi tali artiklu ma setghax jinstab aktar. Di fatt huwa stqarr illi l-artiklu li tieghu kien qed jilmenta Micallef deher fuq il-website fis-saghtejn neqsin ghaxra ta’ wara nofsinhar ta’ dakinhar u tnehha fis-saghtejn u nofs neqsin hamsa ta’ dakinhar stess allura dam vizibbli sa madwar is-saghtejn u nofs.

Fl-4 t’ April 2008 Dr. Toni Abela kiteb ittra fejn informa lil Cachia li l-klijent tieghu ossia Micallef qatt ma kien instab hati t’akkuza bhalma kien irrappurtat fil-gurnal, izda qal ukoll li ma riedx li tali ittra tidher bhala right of reply. Kien fit-8 t’April, 2008 li mbaghad s-sur Cachia rega’ kkomunika mas-sur Micallef sabiex jaghtih ittra biex jippublikaha bhala right u reply u nfatti sussegwentement ghaddhielu ittra bhala right of reply u fit-12 t’April hareg ir-right of reply fuq il-website.

Minkejja li nharegt l-ittra fuq il-website is-sur Micallef rega’ lmenta ma’ Cachia din id-darba minhabba l-fatt li kien hemm ir-ritratt tal-Qorti hdejn l-artiklu ossia tal-ittra tar-right of reply tieghu u allura kienu hadu hsieb li jnehhu r-ritratt tal-Qorti minn hdejn din l-ittra. Cachia jikkontendi wkoll illi ghalkemm allegat mis-sur Kevin Micallef kien hemm ritratt tieghu stess fuq il-website mal-artiklu originali, dan ma kienx minnu.

Huwa stqarr ukoll li ma kienx hu l-persuna li jirrapporta mill-Qorti dak iz-zmien allura ma kienx hu l-persuna li attwalment kiteb l-artiklu in kwistjoni u ma kellux idea kif dak l-artiklu deher fuq il-website. Stqarr ukoll li l-artiklu nehhih malli s-sur Micallef ikkomunika mieghu u ma qaghadx joqghod jivverifika jekk kienx tajjeb jew le.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati dwar il-kaz;

**IKKUNSIDRAT**

Jirrizulta mid-dokumentazzjoni pprezentata minn Joanne Mifsud Micallef li fid-9 ta’ Lulju, 2003 certa Nadine Cachia kienet bdiet proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar kontra Joanne Mifsud u Kevin Micallef ghall-hlas ta’ tlett mitt Lira Maltin (LM300) bhala rizultat tal-ksur da parti ta’ Joanne Mifsud tal-kuntratt meta hi xtrat il-qattusa tar-razza Persian.

Jirrizulta wkoll illi fis-seduta tas-7 t’April, 2006 l-istess Tribunal waqt li laqghet l-eccezzjoni ta’ Kevin Charles Micallef illi ma kienx il-legittimu kontradittur peress li ma kienx parti mill-iskrittura maghmula bejn Cachia u Mifsud, ikkundannat u allura lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, ikkundannat lill-konvenuta ossia lil Joanne Mifsud is-somma ta’ tlett mitt Lira Maltija (LM300).

Irrizulta wkoll minn dokument ipprezentat mir-rikorrent li fis-26 ta’ Marzu 2008 ossia ftit anqas minn sentejn wara s-sentenza gie rrappurtat li r-ragel kien immultat tlett mitt lira (LM300) ossa sitt mija u disgha u disghin ewro (€699) talli rabba qattus minghajr ma kellu permess. Skont dan l-istess artiklu gie rrappurtat illi Joanne Mifsud, mara ta’ Kevin Charles Micallef, xtrat qattusa Persian minghajr ma kellha permess illi tghammar tali qattusa.

Skont dan l-artiklu l-akkuzat naqas milli jobdi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt u allura nstab hati talli ghammar il-qattusa u instab ukoll hati talli baghbas kuntratt. Dan l-artiklu jghid ukoll illi l-istess Micallef *is a renowned TV Presenter and is the President of the Malta Feline Club.*

Irrizulta wkoll illi fit-12 t'April, 2008 giet ippubblikata fuq is-sit elettroniku taht it-titolu Local News, ittra ta' Dr. Toni Abela fejn qal illi r-rapport kien *totally unfounded, not only totally unfounded but down rightly malicious.*

**IKKUNSIDRAT ULTERJORMENT**

Illi mix-xhieda moghtija kemm minn Paul Cachia kif ukoll minn Kevin Charles Micallef irrizulta li fis-26 ta' Marzu, 2008 kienet giet ippublikata storja li hija l-istorja mertu tal-kaz odjern fuq il-website portal www.di-ve.com , liema storja giet ippublikata fis-saghtejn neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Micallef li huwa gie infurmat minn telefonati li kienet dehret tali pubblikazzjoni fil-gazzetta elettronika u ghalhekk hu kien mill-ewwel ikkomunika man-news room tad-dive.com bil-ghan li l-kwistjoni tigi rimedjata. Meta cempel in-news room sab lil Paul Cachia, l-konvenut, li dak il-hin kien qieghed fin-news room u rrisponda t-telefon. Wara li Micallef ghadda l-ilment lil Cachia dwar l-artiklu, Paul Cachia ghadda sabiex mill-ewwel inehhi l-artiklu in kwistjoni mis-sit elettroniku u nfatti dakinhar stess fis-saghtejn u nofs neqsin hamsa jigifieri ftit aktar minn tletin minuta wara li gie ppublikat l-artiklu dan l-artiklu tnehha u gie rimpjazzat b'artiklu iehor.

Irrizulta wkoll illi sussegwentement Micallef permezz tal-avukat tieghu kiteb ittra lil Cachia fejn qallu illi kien ser jibda procedure gudizzjarji kontra tieghu liema ittra izda ma setghatx tintuza bhala right of reply. Sussegwentement wara li nsista Paul Cachia ma' Micallef sabiex dan ta' l-ahhar jibghat ittra sabiex tigi ppublikata fuq il-website bhala right of reply kien l-istess Dr. Toni Abela li rega' baghat ittra ohra li sussegwentement giet ippublikata fuq il-website fit-12 t'April 2008.

**IKKUNSIDRAT**

L-eccezzjonijiet moghtija kemm minn Paul Cachia kif ukoll minn Go plc huma simili jekk mhux identici salv ghal

wiehed mill-eccezzjonijiet ta' Paul Cachia. L-eccezzjoni ta' Paul Cachia, l-ewwel wahda hija illi hu mhuwiex il-legittimu kontraddittur, stante li hu ma jokkupax il-kariga ta' direttur tas-sit elettroniku www.di-ve.com.

Mill-provi prodotti mir-rikorrenti ma ngiebet ebda indikazzjoni illi Paul Cachia fil-mument meta giet ppublikata l-istorja fuq il-website www.di-ve.com kien qed jokkupa l-kariga ta' direttur tas-sit elettroniku. Kien jispetta lir-rikorrent li jressaq prova li juri li attwalment Paul Cachia kellu tali kariga. Minn naha l-ohra l-istess Paul Cachia jichad kategorikament illi hu qatt kien direttur tas-sit elettroniku di-ve.com. Di fatti hu jghid li kull ma kien gurnalist jahdem fuq il-website tad-Dive u qatt ma kien la direttur tal-Go plc li kienu l-proprjetarji tal-website fil-mument li kienet giet ippublikata l-artiklu jew tad-Dive u lanqas qatt ma kien editor tal-istess Dive.com. Izid jghid ukoll li lanqas kien ukoll il-gurnalist li rrapporta dak li kien hemm miktub fl-artiklu.

Ghandu jinghad ukoll illi mill-provi prodotti, kemm minn dak li qal Paul Cachia kif ukoll dak li stqarr Kevin Micallef fix-xhieda tieghu, is-sur Paul Cachia kien ircieva telefonata minghand Micallef fejn dan kien gharrfu dwar dak kollu li kien gara u ftit wara din it-telefonata saret azzjoni rimedjali fis-sens illi l-artiklu tnehha minn fuq il-website.

Fix-xhieda ta' Micallef jistqarr illi hu, dakinhar stess, jigifieri fis-26 ta' Marzu, 2008 ra l-artiklu, sab min kien l-editur tal-artiklu, irrizultalu li kien Paul Cachia u rrizulta wkoll li dan kien kiteb dan l-artiklu.

Ghandu jinghad izda li skont ix-xhieda ta' Gaetano Degabriele rapprezentant tad-Dipartiment tal-Informazzjoni huwa stqarr illi d-dipartiment m'ghandu ebda editur registrat maghhom bhala editur tas-sit elettroniku dive peress illi l-Ligi tal-Istampa ma tikkontemplax tali siti bhala siti illi jinnecessitaw il-htiega li tigi registrata editur ghaliha u allura m'ghandhom ebda records f'dak is-sens.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta’ Paul Cachia stess illi huwa ma kienx il-persuna li jirrapporta l-kaz peress illi hu ma kienx jiehu hsieb jirrapporta l-kazijiet tal-Qorti u kien xi hadd iehor li rrapporta tali kaz.  Madanakollu ma kienx jaf min kien tali persuna.

Huwa in vista ta’ din ix-xhieda kollha u n-nuqqas da parti tar-rikorrent illi jipprova li l-istess Paul Cachia kien direttur tas-sit elettroniku li l-Qorti ma tistax hlief li ma tilqax l-ewwel eccezzjoni ta’ Paul Cachia hu tiddikjara li huwa mhuwiex il-legittimu kontradditur.

Sorpassat din il-kwistjoni, il-Qorti tghaddi biex tevalwa l-eccezzjoniijiet tal-Go plc;

L-ewwel eccezzjoni tikkontempla illi l-Kap 248 ma japplikax ghas-sit elettroniku www.di-ve.com.  Dwar tali eccezzjoni mressqa mis-socjeta’ Go plc, il-Qorti taghmel riferenza ghad-definizzjoni li tidher fl-artikolu 2 tal-Kap. 248 tal-kelma pubblikazzjoni fejn jinghad li d an jikkomprendi kull att illi bih kull stampat jigi jew jista’ jigi kkomunikat jew mgharraf lil xi persuna li bih kliem jew immagni vizwali jigu mxandra.

Il-Qorti tara wkoll id-definizzjoni ta’ stampat, fejn il-kelma stampat hija mfissra bhala kull kitba stampata b’tipi tipografici jew billitografija jew b’mezzi jew processi ohra bhal dawn fuq karta jew sustanza ohra, kif ukoll fuq kartallun jew avviz iehor li jitwahhal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata, impingija, rizaltata jew xort’ohra mpressa, u tinkludi kull diska, tape, film jew mezz iehor li bih kliem jew immagni vizwali jistghu jinstemghu, jitwasslu jew jigu riprodotti.

Meta wiehed iqis id-definizzjoni ta’ stampat wiehed jara li d-definizzjoni mhijiex limitata biss ghal dak li huwa stampat fizikament fuq karti jew katelluni izda wkoll tinkludi diski, tapes, films jew mezzi ohra li bih kliem jew immagini vizwali jistghu jigu riprodotti.  Fil-kaz odjern, ghalkemm mhuwiex kontestat illi dak riprodott fuq sit elettroniku mhuwiex stampat fuq karti jew sustanza ohra, ghalkemm tipi tipgrafici huma wzati, madanakollu jista’

jitqies illi taqa’ taht id-definizzjoni ta’ mezz iehor illi bih il-kliem jistghu jigu riprodotti u allura la darba wiehed jikkonsidra l-istampar fuq mezz elettroniku huwa mezz iehor li bih tali kliem jistghu jigu riprodotti allura dak li huwa riprodott fuq siti elettronici jaqa’ taht id-definizzjoni ta’ stampat allura jaqa’ taht l-ambitu tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta. Allura in vista ta’ tali ragunar, il-Qorti tqis illi l-ewwel eccezzjoni tal-Go plc mghandhiex tigi milqugha.

It-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ Go plc hija li l-artiklu kien perfettament permessibbli fl-ordinament guridiku nostrili stante li kien ibbazat fuq kumment gust ibbazat fuq fatti vera. Harsa lejn is-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fis-7 t’April, 2006 madanakollu juri bl-aktar mod car u lampanti illi tali eccezzjoni ma tistax tintlaqa’ gharr-aguni semplici illi l-artiklu prodott fuq il-website www.di-ve.com ma kienx ibbazat fuq fatti veri izda kien atwalment ibbazat fuq zbalji. Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li l-artiklu qal illi r-ragel kien immultat sitt mija u disgha u disghin ewro (€699) u li qal ukoll li l-akkuzat instab hati talli kiser il-kundizzjoni tal-kuntratt u talli baghbas il-kuntratt u li ssottometta lin-National Cat Society, lil Malta Cats Federation u FIFE. Harsa lejn is-sentenza turi bl-aktar mod car illi r-ragel imsemmi f’dan l-artiklu jigifieri Kevin Charles Micallef ma giex misjub hati, izda kienet attwalment il-mara tieghu, rikorrenti fil-kaz odjern, Joanne Mifsud li nstabet hatja talli kisret kundizzjoni tal-kuntratt. Allura tali eccezzjoni certament ma tistax tintlaqa’ mill-Qorti peress illi l-kumment ma kienx ibbazat fuq fatti veri izda kien ibbazat fuq fatti zbaljati.

**IKKUNSIDRAT**

La darba l-Qorti qieset illi l-eccezzjonijiet tal-Go plc ma setghux jigu milqugha, hi ghandha tghaddi sabiex tikkunsidra l-kwistjoni dwar id-danni sofferti mill-istess konjugi Kevin Charles Micallef u Joanne Mifsud.

Mill-provi riprodotti jirrizulta illi f’temp mhux iktar minn tletin minuta minn meta r-rikorrent gie a konjjizzjoni tal-fatt li kien hemm artiklu zbaljat fil-konfront tieghu u li kien ikkomunika dan mas-sur Paul Cachia li kien gurnalist

gewwa n-news room, l-izball gie ratifikat billi eventwalment tnehha l-artiklu minn fuq il-website.

Irrizulta wkoll illi ftit jiem wara, r-rikorrenti tramite l-avukati taghhom kitbu biex jikkontestaw dak li sar u biex jinfurmaw lill-istess Paul Cachia li ser jinbdew proceduri kontra tieghu. Kien biss wara nsistenza ta' Paul Cachia illi nghatatlu ittra ohra bhala letter of reply illi fih gie riprodott dak li ntqal mill-Avukat ta' Micallef fejn gie spjegat li kien hemm zball minn naha tad-Di-ve.com.

Minn naha l-ohra r-rikorrenti ghalkemm allegaw li sofrew danni bhala rizultat ta' dan l-artiklu ma kienx f'posizzjoni li jippruvaw li attwalment x'danni huma sofrew. Apparti mill-fatt illi stqarrew ukoll li l-informazzjoni ma dehritx biss fuq id-di-ve.com izda fuq mezzi ta' xandir ohra ossia fuq gazzetti, fuq televisions u fuq ir-radio. Dan qed jinghad mill-Qorti peress illi tenut kont ghaz-zmien qasir li tali artiklu deher fuq il-website kif del restro stqarr l –istess Paul Cachia li l-artiklu gie posted fuq il-website fis-siegha u hamsin minuta u tnehha minn fuq l-istess website fis-saghtejn u hamsa u ghoxrin minuta ta' wara nofsinhar, jigifieri hamsa u tletin minuta wara. Il-Qorti ma tistax ma tqisx anke kieku allegatament ir-rikorrenti sofrew danni, certament id-danni ma sofrewhomx minhabba fl-artiklu li deher fuq il-portal di-ve.com ghal hamsa u tletin minuta izda sofrewhom minhabba f'pubblikazzjonijet ohra li saru b'mezzi ohra.

Huwa fid-dawl ta' dan kollu li l-Qorti thoss li s-socjeta' intimata Go plc tramite l-gurnalist li kien qed jiehu hsieb dak il-hin in-news room ossia Paul Cachia ghamlet minn kollox sabiex is-sitwazzjoni tigi rimedjata u ghalhekk ma jkunx gust li wara li sar minn kollox biex il-kwistjoni tigi rimedjata din il-Qorti wkoll twahhal l–istess socjeta', danni li del resto ma setghux jigu kwantifikati mill-istess rikorrent.

**KONKLUZJONI**

Il-Qorti wara li semghet il-provi kollha prodotti quddiemha u wara illi rat il-Ligi relattivi tal-kaz odjern, tilqa’ l-eccezzjoni preliminary ta’ Paul Cachia u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju peress illi mhux il-legittimu kontradittur.

Tichad iz-zewg eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta’ Go plc u filwaqt illi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-artiklu mxandar fil-gurnal elettroniku www.di-ve.com fis-26 ta’ Marzu, 2008 intitolat “*man fined for breeding a cat”*, bhala malafamanti tikkundanna lill-istess socjeta’ Go plc sabiex thallas in linea ta’ danni ikkawzati lill-istess Kevin Charles Micallef u Joanne Mifsud u tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta’ ghaxar ewro (€10) u tikkundanna lis-socjeta’ Go plc sabiex thallas dik is-somma lill-atturi hekk likwidata permezz ta’ din id-decizjoni.

L-ispejjes ta’ din il-procedura jithallsu mis-socjeta’ konvenuta Go plc.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------